MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2010

Numru. 430/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**Vs**

**Anthony Abela, 46 sena, bin John u Anne nee` Pace, imwiled 13/5/1960. residenti 2, 'Thanks Dad', Triq Anton Manuel Caruana, Iklin, I.D. 365460(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Abela li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fit-12 ta' Awissu, 2006, ghall-habta tat-3.00pm, fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun, saq forklifer (1) b'manjiera traskurata (2) perikoluza (3) minghajr pjanci tar-registrazzjoni (4) minghajr ma kien licenzjat mill-pulizija jew mill-Awotrita dwar it-transport ta' Malta biex jintuza fit-triq (5) u b'hekk minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta' dwar riskji tat-terzi persuni (6) u aktar naqas li jiehu l-prekawzjonijiet

mehtiega meta kien hiereg ghal fuq triq pincipali (7) kif ukoll b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Maria Lourdes Portelli skond kif iccertifika Dr. Thomas Armathys M.D. ta’ SLH (8) u aktar involontarjament ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Nancy (Annunziata) Bianchi, Roxanne Bianchi, Cleaven Bianchi, Redent Bianchi u Justin Bianchi skond kif iccertifikat Dr. Moira Grech M.S. ta’ SLH.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tat-23 ta’ Lulju, 2008, sabiex il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat u fid-dawl tal-provi prodotti l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni mghamulha mill-imputat u x-xhieda moghtija minn Dr. Mario Scerri illum stess minn fejn jirrizulta illi jekk il-parte leza sofriet xi offizi dan huwa minimi hafna peress illi huma kwazi kompletament mghottija bix-xaghar. Inoltre l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ghandu bzonn il-licenzja tas-sewqan ghall-ghixien tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(b) u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 15(1)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' erba (4) xhur prigunerija izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha u b'applikazjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor fil-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------